MALTA

# QORTI KOSTITUZZJONALI

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**SILVIO CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**GIANNINO CARUANA DEMAJO**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2013

Appell Civili Numru. 31/2011/1

**Ir-Repubblika ta' Malta**
***v.***
**Carmel Camilleri**

1. Dan huwa appell tal-Avukat Ġenerali minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha ["l-Ewwel Qorti"] fis-26 ta' Ġunju 2012 fuq referenza magħmula lilha mill-Qorti Kriminali dwar jekk inkisirx il-jedd għal smigħ xieraq imħares taħt l-art. 6(1) u 6(3)(c) tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali ["il-Konvenzjoni"] meta Carmel Camilleri

għamel stqarrija waqt li kien arrestat u miżmum mill-pulizija bla ma kellu jedd għal għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni.

2. L-Ewwel Qorti wieġbet għar-referenza billi qalet illi sabet ksur tal-jeddijiet ta’ Carmel Camilleri mħarsa taħt l-art. 6 tal-Konvenzjoni. L-Ewwel Qorti waslet għal din il-konklużjoni wara li għamlet referenza għas-sentenzi tal-Qorti Ewropeja tad-Drittijiet tal-Bniedem [“il-Qorti Ewropeja”] fil-każ ta’ Salduz *v.* it-Turkija[1] u fil-każ ta’ Panovits *v.* Ċipru[2], u għas-sentenza ta’ din il-qorti fil-każ ta’ Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera[3], u osservat illi Carmel Camilleri jinsab akkużat b’diversi reati, fosthom omiċidju volontarju, u illi għamel żewġ stqarrijiet quddiem il-pulizija meta ma kellux aċċess għall-għajnuna ta’ avukat.

3. L-Avukat Ġenerali appella minn din is-sentenza b’rikors tas-6 ta’ Lulju 2012. L-aggravju tiegħu huwa illi l-Ewwel Qorti sejset id-deċiżjoni tagħha fuq deċiżjonijiet tal-Qorti Ewropeja u ta’ din il-qorti bla ma qieset kif imiss fatturi relevanti fid-dawl tal-fatti partikolari tal-każ. Fost il-fatturi relevanti li, fil-fehma tal-Avukat Ġenerali, għandhom jiġu meqjusa, hemm dawn:

4. ma hux il-każ illi l-Qorti Ewropeja qalet illi, jekk persuna ma kellhiex l-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni, mela awtomatikament inkisrilha l-jedd għal smigħ xieraq, għax dak il-jedd “irid ikun evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura u mhux fir-rigward ta’ mumenti minnha …”;

5. f’ebda waqt tal-proċeduri kriminali ma ġiet attakkata l-validità jew il-volontarjetà tal-istqarrija, u xejn ma juri illi Camilleri kien imġiegħel jagħti l-istqarrija li ta;

6. Camilleri għamel aktar minn stqarrija waħda: fl-ewwel waħda ċaħad li kellu xi sehem fir-reat; wara li kompliet bl-istħarriġ tagħha l-pulizija reġgħet bagħtet għalih u din id-darba “kixef il-kotba kollha u ammetta l-involviment tiegħu”. Bejn stqarrija u oħra kien ħieles u seta’ jekk ried jieħu l-parir ta’ avukat;

---

1 Q.E.D.B. 27 ta’ Novembru 2008, rikors 36391/02.

2 Q.E.D.B. 11 ta’ Marzu 2009, rikors 4268/2004.

3 Q. Kost. 11 ta’ April 2011.

7. hemm xiehda oħra tal-ħtija ta’ Camilleri barra l-istqarrija; u

8. il-prinċipju mwaqqaf bil-każ ta’ Salduz ma għandux jingħata interpretazzjoni retroattiva iżda għandu japplika biss għal stqarrijiet li ttieħdu wara s-27 ta’ Novembru 2008, meta ngħatat dik is-sentenza.

9. Carmel Camilleri ma weġibx.

10. Il-qorti tibda biex tgħid illi l-jedd ta’ għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni jingħata mhux biex tinħoloq formalità li n-nuqqas tagħha jagħti mezz ta’ difiża lill-akkużat, iżda jingħata għall-iskop preċiż illi jkun hemm garanzija illi kull stqarrija mogħtija mill-persuna interrogata tkun ingħatat b’għażla ħielsa, b’għarfien tal-jedd li jibqa’ sieket, u bla tehdid, wegħdiet, vjolenza jew b’xi mod ieħor abużivament. Il-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq iseħħ meta l-istqarrija tittieħed abużivament u mingħajr garanziji ta’ leġittimità u mhux bil-fatt biss li tkun ittieħdet mingħajr l-għajnuna ta’ avukat.

11. Dan huwa element tal-jedd għal smigħ xieraq li ma nħoloqx bis-sentenza ta’ Salduz. Għalhekk, jekk jinstab li kien hemm ksur tal-jedd għal smigħ xieraq minħabba n-nuqqas ta’ garanzija ta’ leġittimità tal-interrogazzjoni u tat-teħid tal-garanzija, dan ma jkunx b’applikazzjoni retroattiva ta’ xi jedd ġdid maħluq bi żvilupp ġurisprudenzjali.

12. Għalhekk l-aggravju tal-Avukat Ġenerali huwa miċħud inkwantu msejjes fuq intendiment żbaljat ta’ dak deċiż fil-każ Salduz.

13. Lanqas ma huwa neċessarjament il-każ illi l-Ewwel Qorti kellha tistenna sakemm jintemm il-proċess kriminali qabel ma tqis ilment dwar ksur tal-jedd għal smigħ xieraq sabiex dak il- jedd jiġi “evalwat fir-rigward tat-totalità tal-proċedura”, kif irid l-Avukat Ġenerali.

14. Tassew illi l-ġurisprudenza ġeneralment hija kif igħid l-Avukat Ġenerali. Ukoll fil-każ ta’ Imbrioscia *v.* l-Isvizzera[4], li wkoll kien dwar id-dritt għall-għajnuna ta’ avukat waqt l-interrogazzjoni, il-Qorti Ewropeja qalet illi kellha tagħmel “*a scrutiny of the proceedings as a whole*”[5]. Dan huwa prinċipju ġenerali li japplika għall-jedd

4 Q.E.D.B. 24 ta’ Novembru 1993, rikors 13972/88.

5 Para. 44.

għal smigħ xieraq u ma jidhirx li hemm xi raġuni għala fil-kuntest tal-jedd għall-għajnuna ta' avukat għandu jkun differenti.

15. Madankollu, kif qalet din il-qorti fil-każ ta' Il-Pulizija *v.* Alvin Privitera[6], jista' jiġri illi episodju wieħed ikun determinanti għall-eżitu tal-proċess kollu u għalhekk ma jkunx il-każ illi l-qorti tistenna sakemm jintemm il-każ. Dan jista' faċilment jiġri fil-każ ta' ammissjoni ta' ħtija. Huwa minnu illi, jekk ikollha raġuni għax taħseb illi dik l-ammissjoni ma jkollhiex mis-sewwa, il-qorti tista' ma toqgħodx fuqha[7]. Ma jistax ma jingħadx, iżda, illi stqarrija ta' ħtija aktar iva milli le tkun determinanti.

16. Din il-qorti għalhekk ma tarax illi hemm raġunijiet biżżejjed biex tiddisturba din il-konklużjoni li waslet għaliha l-Ewwel Qorti, u li wasslitha biex tagħti deċiżjoni qabel ma jkun intemm il-proċess penali.

17. Barra minn hekk, dan il-każ inbeda b'referenza mill-Qorti Kriminali, li waqqfet is-smigħ quddiemha sakemm ikollha t-tweġiba għal dik ir-referenza. Ma setgħetx għalhekk l-Ewwel Qorti ma tweġibx għar-referenza billi tistenna sakemm jingħalaq il-proċess kriminali.

18. Safejn irid illi l-qorti tqis it-"totalità tal-proċedura" qabel ma twieġeb għar-referenza, l-aggravju huwa għalhekk miċħud.

19. Fil-bqija, iżda, il-qorti hija tal-fehma illi l-aggravju huwa ġustifikat.

20. Din il-qorti ġà kellha okkażjoni illi tgħid illi ma huwiex il-każ illi n-nuqqas ta' għajnuna ta' avukat iwassal, għalhekk biss u *ipso facto*, għall-ksur tal-jedd għal smigħ xieraq[8], iżda jrid ikun hemm ċirkostanzi oħra, fosthom ċirkostanzi partikolari ta' vulnerabilità tal-persuna interrogata, illi jwasslu għall-konklużjoni illi minħabba n-nuqqas ta' aċċess għal avukat ma hemmx dik il-garanzija ta' leġittimità meħtieġa biex l-istqarrija titqies li ttieħdet bi ksur tal-jedd għal smigħ xieraq.

---

6 Q. Kost. 11 ta' April 2011.

7 Art. 453(2) tal-Kodiċi Kriminali.

8 Ara Charles Stephen Muscat *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost. 8 ta' Ottubru 2012, rik. 75/2012; Joseph Bugeja *v.* Avukat Ġenerali, Q. Kost 14 ta' Jannar 2013, rik. 70/2011.

21. Fil-każ tallum ma hemm ebda xiehda illi Carmel Camilleri kien ibati minn vulnerabilità partikolari. Fl-atti tal-inkjesta hemm ix-xiehda ta' espert mediku li eżamina l-istat mentali ta' Camilleri meta ġie arrestat. Qal illi għalkemm, naturalment, kien ansjuż, u deher li ma għandux *IQ* għoli, madankollu "l-istat mentali tiegħu dak il-ħin kien kapaċi jirrispondi d-domandi li għamiltlu. … … … ma kien hemm ebda sintomi ta' *depression*, ma kien hemm ebda sintomi ta' delużjonijiet jew xi psikosi. … … … *he is of sound mind*"[9]. Lanqas ma nġiebet prova illi l-istqarrija ma ngħatatx volontarjament, jew li ġiet imġiegħla jew meħuda b'theddid jew b'biża', jew b'wegħdiet jew bi twebbil ta' vantaġġi.
22. Barra minn hekk, lanqas ma għandu għal kollox mis-sewwa li tgħid illi, fiċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ partikolari, Camilleri ma kellux il-fakoltà vera u effettiva li jkellem avukat.
23. Camilleri għamel aktar minn stqarrija waħda. Fl-ewwel waħda, li saret fil-5 ta' Ottubru 2004, ċaħad kollox u tħalla ħieles[10]. Din l-interrogazzjoni kienet biżżejjed biex turih li kien suspettat u li għalhekk kien fl-interess tiegħu li jkellem avukat. Kellu kull opportunità li jagħmel hekk sakemm reġa' ġie msejjaħ fis-6 t'April 2006 biex imur il-kwartier ġenerali tal-pulizija "b'mod ta' attendenza volontarja"[11] u għamel stqarrija dakinhar stess, oħra fis-7 ta' April 2006 u oħra fit-8 ta' April 2006: l-istqarrijiet li dwarhom saret il-kawża tallum.
24. Ladarba Camilleri kien jaf li hu suspettat u kellu opportunità ampja jkellem avukat qabel ma għamel l-istqarrijiet tas-6, tas-7 u tat-8 ta' April 2006, għal din ir-raġuni wkoll l-aggravju għandu jintlaqa'.
25. Relevanti wkoll huwa l-fatt illi fl-istqarrijiet ta' Camilleri jissemmew dettalji li jaqblu ma' fatti aċċertati oġġettivament b'xiehda oħra u li għalhekk ma jagħtikx x'taħseb illi jkun *unsafe* li tagħti piż lill-istqarrijiet. Din hija

---

[9] Xiehda ta' Dr Joseph Spiteri fis-seduta tal-11 t'April 2006 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

[10] Xiehda tal-Ispettur Chris Pullicino fis-seduta tal-11 t'April 2006 fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja.

[11] *Ibid.*

raġuni oħra għala ma jkunx fl-interess tas-sewwa illi l-istqarrijiet jitneħħew mill-atti tal-proċess.

26. Fil-fehma tal-qorti, għar-raġunijiet mogħtija fuq, l-appell għandu jintlaqa’.

27. Il-qorti għalhekk tilqa’ l-appell, tħassar is-sentenza appellata u twieġeb għar-referenza billi tgħid illi ma hemm ebda ksur tal-jedd fondamentali ta’ Carmel Camilleri bit-teħid tal-istqarrijiet li dwarhom saret il-kawża, u bl-użu tagħhom fi proċeduri ġudizzjarji.

28. Tordna illi kopja ta’ din is-sentenza tintbagħat lill-Qorti Kriminali.

29. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad kif ukoll ta’ dan l-appell, iħallashom Carmel Camilleri.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------